# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1953

# *Niftakru f'Min Mexxiena*

*Meminisse juvabit*

*BHALMA aħna fid-dmir li niftakru f'dawk li rabbewna b'sa-krifiċċi kbar ta' saħħithom u buthom biex wasalna għat-triq ta' karriera li biha nistgħu ngħixu skond ma jixraq għall-edukaz-zjoni li trabbejna fiha; bħalma aħna fid-dmir ukoll li niftakru f'dawk li għallmuna u fetħulna moħħna u rawmuna f'xogħol ta' qligħ il-ħobż; bħalma, f'kelma waħda, aħna fid-dmir li niftakru f'min fetħilna xi triq li minnha nistgħu bla xkiel ngħaddu biex naslu fil-ħsieb tagħna ta' intrappriża jew ta' xi biċċa xogħol li minnha nistgħu niksbu xi ġid materjali jew morali—hekk jixraq li l-lum niftakru f'dawk in-nies li fetħulna t-triq biex minnha nkunu nistgħu ngħaddu bla xkiel u tweghir lejn dak it-tarf ta' studju, tagħlim u progress tal-Lsien Malti li fih kellna x-xorti naslu.*

*Il-qima tagħna lejn dawn in-nies għandha tkun qima ta' wlied li fl-għemil tagħhom u fl-eżempji tagħhom jirriflettu x-xbieha ta' l-istess ħedma tagħhom, ħedma sinċiera għall-kultura u ġieh tal-Lsien Malti; mhux bi tħambiq fieragħ, mhux b'tix-mir ta' dirgħajn, li l-lum ma jagħmilx ħlief iqajjem ħġejjeġ li jin-tfew wara ftit żmien, iżda b'kitba soda, istruttiva, letterarja, u għal bżonn xjentifika, li tista' toqgħod ma' dik ta' ilsna oħra let-terarji, li turi l-progress ta' moviment sod fil-moħħ u fil-qalb tad-difensuri tal-Malti bħala l-werrieta ta' patrimonju nazzjonali. B'qima bħal din imżewġa ma' tifkira sentimentali, iżda konkre-ta, ta' dawk in-nies jew ta' dak il-bniedem li lejh għandna nuru l-gratitudini tagħna, aħna nkunu għamilna wieħed mill-akbar dmirijiet tagħna bħala membri tal-"Għaqda" u kittieba tal-Malti.*

*F'waħda mill-okkażjonijiet storiċi fil-bidu tal-libertajiet kos-tituzzjonali, meta l-proletarjat Malti ħass il-bżonn li jingħaqad mal-fehmiet tagħna biex il-Malti jkollu postu fl-iskejjel, fil-qrati u fl-amministrazzjoni tal-Gvern bħala lingwa tal-pajjiż, f'daqs-*

*xejn ta' Kamra tal-Qari, f'waħda mid-Djar tal-Haddiema, kont tara bħala sinjal ta' qima x-xbieha ta' xi wħud (u ma kinux ftit) li jfakkruk f'nies li fl-imgħoddi kif ukoll fiż-żminijiet tal-lum ħadmu għall-ġid tal-Malti. Dik kienet l-ewwel xhieda tal-qima tal-Maltin għal dawn in-nies — jew aħjar tal-ħaddiem Malti lejn missirijiet u wlied il-Lsien Malti. Wara din l-ewwel xhieda, li jaħasra għabet, bħalma xi mindaqqiet igħibu x-xrar u l-ħġejjeġ ta' qalbna, ma dehret ebda oħra bħalha. Xhieda oħra ta' min jimitaha hija dik tal-Għawdxin li wrew il-għożża tagħhom lejn Ġanni Vassallo — wieħed mill-aqwa studjużi tal-Malti u l-irjieħ fost il-membri tal-"Għaqda" — bl-irħama li waħħlu bħala tifkira mal-ħajt tad-dar fejn dana kien għax fl-aħħar snin ta' ħajtu. Tifkiriet bħal dawn ta' min jimxi fuqhom. Il-"Għaqda" qiegħda issa tħabrek biex iżżejjen Darha bix-xbihat tal-membri tal-"Għaqda" — kittieba tal-Malti — sew ta' dawk ta' l-imgħoddi kemm tal-lum. L-"Għaqda" lanqas ma naqset li tħabrek—għal-kemm għadha ma rnexxietx—li tagħti lil xi toroq l-ismijiet ta' xi kittieba meltin li ħallew warajhom tifkira sabiħa tax-xogħlijiet letterarji jew lingwistiċi tagħhom.*

*Imma l-"Għaqda" fuq kollox tħoss id-dmir tagħha fuq hekk lejn Missierha, bla ma tinsa lil dawk ta' qablu. Fost ix-xbihat li hemm imdendlin mal-ħitan tad-Dar tagħha hemm dik, rigal sabiħ ta' wieħed minn uliedu, ta' dak il-bniedem, jiġifieri tal-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, li bil-kitba u l-ħeġġa tiegħu ta ħajja ġdida lill-Malti u li fuq l-eżempju tiegħu bħala kittieb u l-ewwel President tal-"Għaqda" nibtet dik is-sensiela ta' kittieba xjuħ u żgħażagħ li bil-kitba tagħhom qegħdin joħolqu l-isbaħ epoka tal-letteratura Maltija, u din hija l-akbar xhieda ta' qima lejn il-figura tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, li dis-sena l-"Għaqda" għandha l-pjaċir tfakkar l-egħluq tal-mitt sena mit-Twelid Tiegħu.*

*Dan il-wirt letterarju jitkellem wisq iżjed minn kull ħaġa oħra li tista' tingħad f'kull esibizzjoni kommemorattiva.*